Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 103/2014

Il-Pulizija

Vs

Stephen Spiteri

Illum 26 ta' Settembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Stephen Spiteri detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 75186M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Awwissu 2012 sa Mejju 2013 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Sharon Spiteri u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il

jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Marzu, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338 (z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Stephen Spiteri hati skont l-akkuzi dedotti kontra tieghu u ghaldaqstant ikkundannatu piena ta' sitt (6) xhur prigunerija. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Stephen Spiteri, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Marzu 2014, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i. Jew thassar, tirrevoka u tikkancella kemm id-digriet b'digriet fl-ismijiet premessi tat-3 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat Dr. A. Vella cahdet it-talba ghas-soprasessjoni u kif ukoll is-sentenza fl-ismijiet premessi tal-istess gurnata ossia tat-3 ta' Marzu 2014 moghtija minn dik l-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u konsegwentement tilqa' t-talba ghas-soprasessjoni; jew

ii. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, jekk din l-Onorabbli Qorti jidhirlha li l-ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' t-talba ghas-soprasessjoni, allura tirriforma s-sentenza tat-3 ta' Marzu 2014 fl-ismijiet premessi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala l-Qorti ta' Gudikatura Kriminali billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet htija, thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant gie kkundannat sitt xhur prigunerija effettiva u konsegwentement timponi piena skont il-ligi jew iktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Stephen Spiteri huma s-segwenti u cioè:-

**L-ewwel aggravju - Talba ghas-soprasessjoni**

Illi fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2014 l-appellant ivverbalizza talba sabiex l-Ewwel Qorti tissoprasjedi sakemm jigu decizi finalment proceduri kostituzzjonali, kopja tar-rikors promotur jinsab esebit in atti.

Illi l-mertu ta' dawk il-proceduri huwa li l-fatt li l-ligi nostrana tikkontempla piena karcerarja meta jirrizulta inadempiment ta' obbligu kontrattwali minhabba impossibilità ta' hlas bhala vjolazzjoni tad-dritt fundamentali hekk kif sanciti fl-Ewwel Artiklu tar-Raba' Protokoll. Ghalhekk, jirrizulta kjarament li hemm konnessjoni materjali sostanzjali bejn iz-zewg proceduri.

Illi in oltre ma jezisti l-ebda provediment fil-ligi nostrana li jirrikjedi tassattivament li xi qorti mhux ta' kompetenza kostituzzjonali tirrikjedi ordni minn Qorti fis-sede taghha Kostituzzjonali sabiex tissoprasjedi. Anzi, kellu jkun id-dmir tal-Ewwel li, tenedo kont li qeghdin nitkellmu fuq drittijiet fundamentali, hi stess tissoprasjedi.

**It-tieni aggravju - Piena oltre dik specifikata mil-ligi.**

Illi l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tinfliggi piena tas-sitt xhur prigunerija effettiva ghaliex din ma tirrinkwadrax ruhha fil-parametri tal-ligi.

Illi l-piena stabbilita ghall-kontravenzjonijiet tirrizulta minn qari tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> *(2) Bla hsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 53 jew ta' xi ligi specjali ohra, il-pieni li jistghu jigu moghtija ghall-kontravvenzjonijiet huma -*

*(a) id-detenzjoni*

*(b) l-ammenda;*

*(c) ic-canfira jew it-twiddiba.*

Illi sussegwentement l-artikolu 338(z) tal-istess Kapitolu jistabbilixxi l-piena kontemplata ghall-kontravvenzjoni odjerna:

*(z) meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jaghti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal dik il-persuna fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma:*

*Izda, minkejja kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, l-azzjoni kriminali ghal reat taht dan il-paragrafu taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sitt xhur:*

*Izda wkoll meta l-hati jkun recidiv f'kontravvenzjoni taht dan il-paragrafu l-hati jista' jehel piena ta' detenzjoni ta' **<u>mhux izjed minn tliet xhur</u>** jew multa ta' mhux izjed minn mitejn euro jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn xahrejn; (enfasi mizjud).*

Illi finalment tenendo kont tal-fatt li hawnhekk si tratta ta' reat kontinwat allura jidhol fis-sehh id-dispost tal-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jikkontempla gholi ta' piena bi grad jew tnejn.

Illi ghalhekk trid issir referenza ghall-artikolu 31 (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

*(g) it-tlugh mill-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet isir ghall-piena tal-multa jew ta' prigunerija ghal zmien **<u>ta' mhux izjed minn tliet xhur.</u>***

Illi ghalhekk il-massimu li l-Ewwel Qorti setghet tinfliggi fuq l-appellant kien prigunerija ta' tliet xhur, izda mhux id-doppju!

Illi fir-rigward tal-piena, certament fic-cirkostanzi l-piena hija wahda eccessiva ghaliex tmur oltre l-parametri tal-ligi. Semmai l-massimu li setghet taghti l-Ewwel Qorti kienet ta’ tliet xhur prigunerija.

**It-tielet aggravju - L-Impossibilità ta’ Hlas**

Illi maghdud ma’ dak hawn fuq sottomess fit-tieni aggravju, il-piena kienet ukoll eccessiva stante li l-Ewwel Qorti skartat ghal kollox ix-xhieda tal-appellant minn fejn irrizulta kjarament li huwa ma hallasx b’semplici kapricc, izda ghaliex sab ruhu fl-impossibilità li jhallas minhabba li tkecca ingustament mix-xoghol u ghamel perjodu twil dizokkupat. Irrizulta wkoll illi l-arretrati dovuti lill-parte civile jammontaw ghal eluf ta’ Ewro li l-appellant ma jiflahx ihallas.

Illi dan irrizulta b’certezza waqt il-provi ghaliex dak sottomess fil-paragrafu ta’ qabel dan ma giex ikkontestat mill-parte civile. Anzi l-istess parti civile xehdet illi hija taf li l-appellant kien verament imkecci u li t-Tribunal Industrijali ordna ir-reinstatement.

Illi in vista ta’ dawn il-fatti, umilment qed jigi sottomess illi l-ewwel Qorti ma kellhiex se mai timponi piena karcerarja.

Ikkunsidrat;

Quddiem l-Ewwel Qorti gie ipprezentat PIRS II PCR Person Details dwar l-imputat, il-fedina penali tal-imputat. L-imputat prezenta kopja ta' rikors Kostituzzjonali.

Mill-verbal tas-seduta ta' quddiem l-Ewwel Qorti tat-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) jirrizulta li xehdet **Sharon Spiteri** u esebit digriet. Jirrizulta izda li mhux digriet gie ipprezentat izda kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn Sharon Spiteri u l-imputat datat it-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009). Ix-xhieda ta' Sharon Spiteri ma gietx traskritta.

Jirrizulta ukoll li quddiem l-Ewwel Qorti fl-istess seduta xehed l-**imputat**, liema xhieda ukoll mhijiex traskritta.

Giet ipprezentata affidavit ta' **PS1314 Raymond Ambrogio** fejn iddikjara li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) il-Pulizija tal-Hamrun ircevew ilment minn ghand omm ta' tlett it-tfal minuri cioe' Sharon Spiteri ghax il-missier li huwa Stephen Spiteri naqas jghaddi l-manteniment ghax-xhur ta' Jannar, Frar, Marzu u April 2013. Iddikjara li l-omm bdiet tghid li sar kuntratt bejniethom cioe' mal-missier quddiem in-Nutar Dr Joseph Debono LLD li gie insinwat fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) b'digriet numru 7187/09 mill-Onor. Imhallef Anna Felice LL.D. Hi ziedet tghid li digriet jghid li l-missier ghandu erba' mitt ewro (€400) kull xahar.

Fl-istess affidavit gie ddikjarat li l-missier gie mitkellem minnu u stqarr li matul ix-xahar ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) huwa hallas il-fuq minn elfejn ewro (€2000) u wara beda jhallas l-manteniment pendenti bil-mod. Huwa zied jghid li fil-prezent huwa beda jahdem u diga beda jhallas bil-mod il-manteniment pendenti. Huwa kompla jghid llli fil-futur qrib huwa jkun jista' jhallas il-manteniment ghax-xhur ta' Jannar, Frar, Marzu, April tas-sena elfejn u tlettax (2013) u l-manteniment pendenti.

Fl-affidavit iddikjara ukoll li l-kwerelanti talbitu biex iressaq il-missier il-Qorti halli jgharraf jirregola ruhu.

Wara li l-Qorti ordnat lil kwerelanta sabiex tipprezenta breakdown bil-pagamenti li saru fir-rigward tal-akkuza odjerna, Sharon Spiteri prezentat nota b'rendikont ta' dak imhallas u dak li l-akkuzat baqalu ihallas ghal perjodu in kwistjoni. Gew ipprezentati ukoll skrittura privata datata t-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016), kopja ta' ittra ufficjali u statement of account.

Giet ipprezentata nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tal-imputat b'rendikont tal-allegati pagamenti li saru. Flimkien ma' din in-nota gew ipprezentati numru ta' dokumenti u cioe' *customer copy* ta' bank drafts, statement of account, u employment history ta' Michela Spiteri. L-imputat ipprezentata ukoll nota b'verbal ta' seduta kif

ukoll sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Kylie Borg) vs Stephen Spiteri (ID 75186(M))' deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019)[1].

Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) il-parte civile **Sharon Spiteri** ddikjarat li l-bilanc dovut lilha in konnessjoni mal-kawza odjerna hua fl-ammont ta' E3,525 kif indikat minnha fin-nota esebita fl-atti fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019).

**Stephen Spiteri** xehed quddiem din il-Qorti fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn ikkonferma l-kontenut tan-nota. Xehed li minn meta ghamlu l-ftehim minn Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) sa Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) dawk il-mija u hamsin (150) dejjem hallashom. Xehed li fin-nota taghha gabet kemm dam jahdem il-Freeport, la gabet ic-cekkijiet li taghha li gab kopji taghhom u li ssottometta. Dawk ma gabithomx nesiethom u li taghha l-flus. Jghid li kienu *on good terma* u anke kienu jiltaqghu il-Qorti u tkellmu u jkellimha u kien jaghtihomlha cash. Qal li l-garanzija tieghu li kienu jidhru quddiem l-Imhallef Mizzi u kien jghidilha qieghda tithallas u kienet tghidlu iva, imbaghad jaghtihom sitt (6) xhur ohra cans, tlett (3) xhur ohra cans. Jghid li li kieku ma kinitx qed tithallas ma jahsibx li kienet ser tghid iva ghax tithassru. Jghid li mill-elfejn u sitta (2006) minn dak il-ftehim lil hawn rapport wiehed biss sar ghax mar l-Ghassa tal-Hamrun biex jigborhom kollha. Kien hemm erba' cekkijiet li ma tahiex u meta cempillu l-pulizija f'xi sebgha ta' filghaxija mar l-ghassa, c-cekkijiet kienu ga lesti u mhux ghax kitibhom dak il-hin ghax bank draft jaghmlila. Jghid li l-ewwel cekk kien per ezempju ta' erba' (4) xhur qabel u t-tieni wiehed ta' tlett (3) xhur qabel. Jghid li jmur icemplilha l-qanpiena tad-dar u ma johrog hadd. Jghid li jekk imur fejn il-post tax-xoghol fejn tahdem, ghandu garanzija li ma jersaqx lejha allura ma jistax imur hemm hekk. Jghid li tohrog fil-gallarija u jitfghu jghidilha li ghandha ic-cekk. Dam erba' (4) xhur imur ifittixha u ma jsibix, meta cempillu l-pulizija qallu mhux

[1] Kump numru: 172/12

ghax ma jridx jaghtihomlha ghax dawn qedghin hawn. Cempel lil Dr David u qallu jaghtihomlu lil-pulizija u tahomlu u kiteb hawn hekk. Jghid li ghamel zball tahomla flus la ma ghandux x'juri tista' tghid li ma tahomliex. Jghid li la ma hemmx rapporti mhux sinjal li tahomlha ghax din mhux ser tghid miskin forsi ma ghandux dan ix-xahar u jrid jiftakar ukoll li darba l-ohra meta xehdu fuq l-istess flus ghax dawn kienu maghqudin flimkien, issa darba l-ohra deher fuq ammont u din id-darba fuq ammont iehor meta dawn quddiem l-Imhallef Mizzi kienu flimkien. Qalet li mhux ma tahomliex imma darba taghha hamsin (50) nieqsa u darba taghha tletin (30) nieqsa li ma hu veru xejn lanqas, issa llum tigi tghid li ghandu jaghtiha tlett'elef. Jghid li jekk jghodd minn Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016), mill-elfejn u sittax (2016) sa Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) mija u hamsin (150) fix-xahar zejda hu hadimha u gew hamest'elef, mitejn u hamsin (5250) minn dawk is-sebat' elef u mija (7100).

Xehed li jekk tghodd kemm damet tahdem it-tifla sena u tlett xhur tahdem accountant u jaghtiha l-manteniment xorta ghax kull fejn imur jistaqsi jghidulu *lum bid-data protection* u ma jistghux jghidulu jekk tahdimx it-tifla. Imbaghad irnexxielu jgib kemm damet tahdem it-tifla, sena u tlett xhur. Jghid li bil-133 taghha din kull sena gew elf, disa' mija u disgha u disghin (1999). Jekk tghaqqadhom f'daqqa jkollu jiehu mija u hamsin (150) mhux jaghtiha hu. Jghid li allura ha jibqa' dejjem bil-habs imdendel fuq rasu meta dawn il-flus hallashom. Meta mar jiccekja l-iskola ghand is-*sister* meta spiccaw mill-iskola, qaltlu l-istess li bid-data protection ma tkunx tista' tghidlu, u qaltlu biex jitkbilha bl-avukat. Kitbu lil Educaiton bl-avukat u lanqas bl-avukat ma riedu jghidu u jghid li din ser terga' tigrilu ghax ghandu tifla ghandha zghira. Kif ha jkun jaf li t-tifla waqfet mill-iskola, jekk tahdimx, jghid li ilu ghaxar (10) snin ma jkellimhom. Wahda minnhom kienet tghix mieghu u l-ahhar hmistax-il gurnata li mar il-habs meta ghamlu l-izball bil-marixall telqet regghet ghand ommha. Jghid li hekk forsi kien ikun jaf imma issa zgur li mhux ser ikun jaf jerga. Jahlef u jbus is-salib mitejn elf darba li dawn il-flus tahomlha. Tahomlha ghax kellu l-habs imdendel fuq rasu u hadd ma jixtieq imur il-habs. Jghid li imma mbghad mhux tigi tghidlu ghad baqalu jaghtiha tlett'elef.

In kontro-ezami jghid li kien obbligat ihallas erba' mija (400) fix-xahar. Ma jiftakarx jekk ma hallas xejn mill-elfejn u tnax (2012) sal-elfejn u tlettax (2013). Jiftakar li fl-elfejn u tnax (2012) kellhom kawza quddiem il-Magistrat Natasha Galea Sciberras, qaltlu li jrid jaghtiha kollox, quddiem Mizzi l-ewwel darba kien ghadu Magistrat, qallu li jrid jaghtiha kull ma ghandu jaghtiha kienu tlett'elef u xi haga u gab il-karta taghhom tahomla. Mistoqsi jekk rahiex l-iskritura ta' sebat'elef wiegeb li iva dak iz-zmien. Qal li kienet qieghda tghid li ghandu jaghtiha sebat'elef tal-elfejn u tlettax (2013), li sena manteniment lanqas jigu sebat'elef. Mistoqsi li accetta sebat'elef minghajr li kien cert, wiegeb li ma kienx certa ghax beza mill-habs. Kien jahdem il-Freeport u qal ha jitlef xoghlu, ha jmur il-habs allura jaqbillu li jiftiehem maghha u jaghtihomlha, hekk kien ghamel. Bdiet tghajjat li ghandu jaghtiha sebat'elef u hu rraguna dak iz-zmien kelllu xoghol tajjeb il-Freeport, ha jitlef ix-xoghol biex imur sitt xhur habs, ma jaqbillux, ahjar jaghtihomlha u beda jaghtimolha u barra dawk it-tlett'elef li gab jghid li jekk tmorru fis-sentenzi ta' Anthony Vella taghha erbat'elef darba ohra u taghha hamest'elef darba ohra. Kollha ssellifhom dawn il-flus. Jghid li fl-atti qeghdin mhux jigdeb. Ikkonferma li s-sebat'elef iffirma ghalihom, ma jemminx li kellu jaghitihomlha imma dak iz-zmien kelu idejh marbutin li ha titfghu l-habs u mar ghand l-avukat taghha u ghamlu dik il-karta u minn dakinhar sal-aahhar tas-sena tal-elfejn u tmintax (2018) taghha mija u hamsin (150) kull xahar zejda fuq il-manteniment. Jghid li '*lanqas jekk minix ċert la ffirmajt dik il-karta mbagħad kelli nagħtihomlha.*' Mistoqsi jekk kull darba li jhallas manteniment jigborx ircevuta qal li '*Għamilt... meta nqatgħu mill-Freeport li ġibtu intihom fis-sottomissjoni tagħkom, għax dawk jidru. Li tajtha flus jiena qed ngħid tajthomlha, la ma għamlitlix rapport l-għassa.*' Jghid li qatt ma gabar ircevuta lanqas meta taghha cekk ma gabar ircevuta. Jghid li '*fis-sottomissjonijiet tagħkom is-Sinjura ma ġabithomx iċ-ċekkijiet.*'

Jghid li '*jiena ammettejt li kelli nagħtiha seba' t'elef u mija u qbadt nagħtihomlha mija u hamsin fix-xahar u ma qbisthomx darba. Zġur ma qbisthomx darba.*' Mistoqsi ghal prova li l-mija u hamsin (150) ma qabizhomx darba wiegeb li '*Taf x'għandi x'nuri hawn hekk ..... li*

*ma għamlitliex rapport l-għassa.*' Jghid li kien jigi quddiem l-Imhallef Mizzi u jghidilha li qed jaghtihomla u tghid iva. Jghid rapport erba' darbiet biss.

Mistoqsi '*Mela naqblu li rapporti għal dawk ix-xhur li għamlitlek għax inti ma kontx ħallastha?*' wiegeb '*Kelli ċ-ċekk, ma sibtix id-dar u ma stajtx, lil min ħa nagħtih ... nagħtih lil ta' ħdejha? Imbagħad żammejtu fil-karozza tal-partner tiegħi. Meta bgħat għalija l-puliziaj għedtu ċ-ċekkijiet lesti , jekk ma nsibix id-dar kif ser nagħtihomlha? Ħa hudhom u tajthomlu.*' Mistoqsi jekk jaqbilx li ma tahomliex wiegeb li ta' erba' (4) xhur kien hemm.

Ikkonferma li xorta kellu jibqa' jhallas manteniment ta' erba' mija (400) kull xahar. Kien jaghmlilha cekk ta' erba' mija u hamsin (450) u meta kien jaghtiha flus kien jaghtiha erba' mija u hamsin (450), erba' mija (400) manteniment u mija u hamsin (150) dawk li ftehmu quddiem Montaldo.

Dwar il-bank drafts, mistoqsi jekk humiex ghal wara s-snin tal-elfejn u tlettax (2013) jghid li '*Għax hi qed taħseb li dawn iċ-ċekkijiet mhumiex 400 u 150 għax inti issa trid taqta' l-kbira. Il-kbira la qabdet taħdem accountant mhux talli tajtha ż-żejjed, ħa nibqa' nagħtihomlha issa jiġifieri?*' Mistoqsi ghamlux proceduri biex jibdlu l-kuntratt wiegeb li '*Mela ma għamiltx, ftaħna mediation kont hemm inti. Tiftakar meta qaltlek ... tini ċans ħa nirrispondik. Meta qaltlek it-tifla tlett xhur damet taħdem mingħajr ma' avżajtu, mbagħad inti stess għedtilha lili tigdiblix ghax jien ġibtlek il-karta tal-job centre ...*' Jghid li t-tifla damet taħdem hmistax (15) il- xahar u jhallas il-manteniment taghha. Jghid li hi stess kienet qaltlu '*issa tal-kbira tibqax*'. Xehed ukoll li '*Fit-2014 ... għax jiena lanqas niġbor il-playslips ma kont. Jien la jinqata' u ma għandix trouble mall-Qorti, l-payslip nma kontx niġborha. Jidħolli ċ-ċekk il-bank tal-Freeport. Fit-2014 u t-2015 kienet diġa' qed tieħu 250 fil-ħmistax il-ġurnata minflok 200 mingħajr ma naf jiena.*'

Dwar il-withdrawals li jidhru fuq l-istatement of account dwar kif jispjega li dawn saru biex jithallsu x-xhur li ghadhom mhux imhallsa wiegeb '*Ix-xhur li mhux imħallsa meta xehdet ma qalitx bihom. Meta tagħtha ġimgħa cans il-Qorti, marret id-dar tista' tivvinta li ma tħallsitx ta' Marzu, tista' tivinta li ma tħallsitx ta' Ġunju bħal ma ' jiena nista' ngħid li*

*ħallastha ta' Ġunju u ma nkun ħallastha xejn. Allura hi għandha l-istess bħali ma tafx eżatt xi tħallset u ma tħallsitx, lanqas meta għamilna l-ftehim ma ssemmew xhur. Issemmiet somma 7100 u daqshekk ... u jiena ħallastha.*'

Jghid li mill-elfejn u sittax (2016) sal-elfejn u tmintax (2018) hallashom imbaghad waqqafhom. Meta kien jahdem il-Freeport kien jaqtalu mitejn u hamsa u sebghin (275) kull paga kull hmistax-il gurnata. Mistoqsi jaqbilx li ma ghandux l-ircevuti wiegeb li lanqas kien jaghti kaz ghax kienu jkunu quddiem l-Imhallef Mizzi, kienet tghid li qed tithallas u ghalih bizzejjed diga. Ghalih kellu garanzija li ma tmurx taghmel rapport u meta jigu quddiem l-Imhallef Mizzi tghid li qed tithallas, jghid x'garanzija aktar jista' jkollu minn hekk. Jghid li mill-elfejn u sittax (2016) sal-elfejn u tmintax (2018) din ghamlet rapport wiehed fuq erba' (4) cekkijiet. X'hin cempillu l-pulizija mar u tahomla, jekk ma kinitx id-dar xi jrid jaghmel allura hu.

Mill-Freeport kienu jinqatghu mitejn u hamsa u sebghin (275) kull hmistax-il gurnata li meta tghoddhom.. jghid li meta kien mal-avukat, meta tghoddhom jigu dejjem izjed ghax meta tkun pagament fix-xahar ma tantx jifimha hu. Meta jkun pagament fix-xahar suppost erba' mija (400) mhux kull hmistax (15) il-gurnata irid jinqata. Jghid li imbaghad jidhlu xi zewg pagamenti iktar. Jghid erhilhom dawk ukoll, mitejn u hamsa u sebghin (275) kull hmistax il-gurnata kienu jinqatghu. Meta ma baqax jahdem il-Freeport beda jaghtihomlha flus. Mill-Freeport ma setghux jibqghu jinqatghu ghax ma baqghax jahdem hemm. Imbaghad kien jaghtihomla cash, jghid li quddiem il-Magisrrat Natasha Galea Sciberas, kienet kelmithom it-tnejn li huma l-Ispettur Kylie Borg, bdiet tkellimhom t-tnejn. L-affarijiet mhumiex hziena bħal ma kienu qabel u hi stess kienet qaltilha li tahfirlu. La qed ihallasha tahfirlu, jahseb li hemm miktub fl-atti. Ikkonferma li beda jhallas inqas ghax l-ewwel wahda bdiet tahdem imbaghad l-ohra. Mistoqsi jekk kienx hemm kontestazzjoni, jew insistitx ghalihom xorta, wiegeb '*Le xejn meta bgħattilha li t-tifla qed taħdem u naf li qed taħdem għax ghandi l-karti tal-Job Plus, qaltli orrajt, qaltli mela minn dan ix-xahar ta' Michaela tagħtihomlix u jien għedtilha mhux minn dan ix-xahra ma nagħtihomlokx, ara kemm ilni nagħtihomlok żejda. Naqqashomli minn dawk li qed inħallas, ma*

*rridtx flus lura jew tagħtini l-flus imma għalinqas tnaqqashomli forsi jien xi darba niehu r-ruħ.'* Xehed li ssifer tlett darba fis-sens bic-cekk tal-gevrn, jghid li lanqas dawl ma ghandu fil-flat. Ma joqghodx go fih ghax ma ghandux dawl. Jghid li *about time* li jaqbad jiehu naqra r-ruh . Jghid li biex ma jmurx il-habs jekk jaqla erba' mija (400)... erba' mija (400) jaghtiha lilha u hames mija (500).. hames mija u hamsin (550), jghid li l-ewwel prijorita' tax-xahar minn meta spicca mill-Freeport kien jaghtihomlha cash. Imbaghad regghu bdew bil-paroli u mhux paroli u beda jaghtihomlha cekk, jaghtiha l-flus il-partner tieghu u tohroglu bank draft mill-bank taghha. Jghid li ma jistax jaghmel ahjar minn hekk.

Fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn dsatax (2019) giet ipprezentata ukoll replika minn Sharon Spiteri ghan-nota responsiva tal-intimat. Filwaqt li fit-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) giet ipprezentata kontro-replika tal-intimat ghar-replika ta' Sharon Spiteri.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-ewwel aggravju l-appellant jaghmel referenza ghat-talba ghas-soprassessjoni. Jirrizulta li fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) ta' quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant kien talab is-soprasessjoni ta' dawn il-proceduri peress li gie intavolat rikors kostituzzjonali minnu. Skont l-istess verbal, il-Qorti ddecidiet li '*wara li rat li m'hemm l-ebda ordni minn dik il-Qorti biex dawk il-proceduri jistennew l-ezetu ta' dak ir-rikors, tiddikjara l-istess talba frivola u vessatorja, tichad it-talba u tordna il-procediment tal-kawza.'*

L-appellant issotttometta li l-mertu ta' dawk il-proceduri Kostituzzjonali huwa li l-fatt li l-ligi nostrana tikkontempla piena karcerarja meta jirrizulta inadempiment ta' obbligu kontrattwali minhabba impossibilita ta' hlas bhala vjolazzjoni tad-dritt fundamentali kif sanciti fl-ewwel artikolu tar-raba' protokoll. Ghalhekk skont l-appellant jirrizulta kjarament li hemm konnessjoni materjali sostanzjali bejn iz-zewg proceduri. Jissottometti li ma jezisti l-ebda provediment fil-ligi nostrana li jirrikjedi tassativament li xi Qorti mhux ta' kompetenza kostituzzjonali tirrikjedi ordni minn Qorti fis-sede taghha

Kostituzzjonali sabiex tissoprassjedi. Skont l-appellant kellu jkun id-dmir tal-Ewwel Qorti li tenendo kont li qeghdin nitkellmu fuq drittijiet fundamentali, hi stess tissoprassjedi.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti kienet korretta li ma laqghetx it-talba ghas-soprassessjoni. Minkejja li skont ma jirrizulta mir-rikors Kostituzzjonali a fol 31 et sequitur tal-atti odjerni, il-mertu ta' dak ir-rikors Kostituzzjonali kien relatat mal-akkuza in kwistjoni, din il-Qorti hija ukoll tal-fehma li kellha tkun il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) li fuq talba tordna li jkun hemm is-soprassessjoni ta' dawn il-proceduri kriminali. In oltre', minkejja li ghaddew numru ta' snin mill-intavolar tal-appell, l-appellant ma ressaq l-ebda prova dwar x'kien l-ezitu ta' dan ir-rikors kostituzzjonali. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. Skont l-appellant, il-piena kienet oltre minn dik specifikata mill-ligi. Jissottometti li l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

'*Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 53 jew ta' xi liġi speċjali oħra, il-pieni li jistgħu jiġu mogħtija għall-kontravvenzjonijiet huma -*
*(a) id-detenzjoni;*
*(b) l-ammenda;*
*(ċ) iċ-ċanfira jew it-twiddiba*'.

L-artikolu 53 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Meta persuna ikkundannata għal kontravvenzjoni tagħmel kontravvenzjoni oħra fi żmien tliet xhur mill-jum li fih tiskonta jew tiġi maħfura l-piena, tista' teħel detenzjoni għal żmien mhux iżjed minn xahrejn, jew multa, inkella l-priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahar.*'
Filwaqt li l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma:*
*Iżda, minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, l-azzjoni kriminali għal reat taħt dan il-paragrafu taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sitt xhur:*
*Iżda wkoll meta l-ħati jkun reċidiv f'kontravvenzjoni taħt dan il-paragrafu l-ħati jista' jeħel piena ta' detenzjoni ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn mitejn euro jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahrejn;*'

L-appellant jissottometti li tenendo kont tal-fatt li hawnhekk si tratta ta' reat kontinwat allura jidhol fis-sehh id-dispost tal-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jikkontemla zieda ta' piena bi grad jew tnejn. L-appellant ghalhekk jaghmel referenza ghall-artikolu 31(1)(g)[2] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra '*t-tlugħ mill-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijietisir għall-piena tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur;*' Ghalhekk skont l-appellant il-piena massima li l-Ewwel Qorti setghet tinfliggi fuq l-appellant kienet prigunerija ta' tlett (3) xhur, izda mhux id-doppju.

Relatat dan l-aggravju, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs John Debono'**[3] fejn gie kkunsidrat:

'*Illi jifdal biex jigi trattat l-ahhar aggravvju dwar il-piena komminata ta' sitt xhur prigunerija u dan ghaliex l-appellanti jishaq illi l-piena ta' sitt xhur prigunerija ma hijiex dik prevista fil-ligi u hija allura eccessiva billi f'dan il-kaz l-appellanti lanqas kien recidiv fejn allura hemm ikkontemplata piena li tnaqqas il-liberta personali meta jinghad:*

[2] L-appellant jindika l-artikolu 31(g) fir-rikors tal-appell tieghu izda huwa evidenti li kien qieghed jirreferi ghall-artikolu 31(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Mejju, 2016 (Appell Numru: 283/2015)

*"Iżda wkoll meta l-ħati jkun reċidiv f'kontravvenzjoni taħt dan il-paragrafu l-ħati jista' jeħel piena ta' detenzjoni ta' mhux izjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux izjed minn mitejn euro jew priġunerija għal żmien mhux izjed minn xahrejn."*

*Il-Qorti hawn taqbel ma'l-appellanti u dan ghaliex ghalkemm huwa minnu illi l- akkuzat ma huwiex qed jigi akkuzat bir-recidiva madanakollu billi huwa instab hati li ikkometta reat kontinwat, allura l-piena ghandha tizdied minn grad sa tnejn.*

*Issa l-artikolu 7(2) tal-Kodici Kriminali jipprevedi illi:*

*Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 53 jew ta' xi liġi speċjali ohra, il-pieni li jistghu jigu moghtija ghall-kontravvenzjonijiet huma - (a) id-detenzjoni; (b) l- ammenda; (c) iċ-ċanfira jew it-twiddiba."*

*L-artikolu 31(g) imbaghad jistabilixxi illi:*

*"it-tlugħ mill-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet isir għall-piena tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux izjed minn tliet xhur."*

*Illi allura billi huwa minnu illi fl-akkuza ma hemmx ikkontemplata ir-recidiva tal- appellanti, madanakollu billi, kif inghad, jezistu l-elementi kollha mehtiega bil-ligi ghall-applikazzjoni ta'l-artikolu 18 tenut kont illi l-infrazzjonijiet jirrisalu sa mis-sena 2011, allura z-zieda mill-piena tal-kontravvenzjonijiet ghandu ikun fil-fehma tal- Qorti dak li inaqqas il-liberta personali u cioe' ta' tlett xhur prigunerija kif previst fl- artikolu 31(g) hawn fuq iccitat.*'

Ikkunsidrat;

Fil-kaz odjern, nonostante l-fatt li mill-fedina penali tal-appellant jirrizulta li l-appellant kellu kundanni precedenti inkluz dawk rigwardanti l-istess kontravenzjoni u ghalhekk setgha jitqies bhala recediv, gialadarba l-appellant ma kienx akkuzat bir-recidiva huwa ma setghax jinghata piena ta' prigunerija izda setgha biss jigi kkundannat detenzjoni, ammenda, canfira jew twiddiba.

Stante li hawn si tratta ta' reat kontinwat, il-piena tizdied bi grad jew tnejn u ghalhekk il-piena massima li setghet tinghata kienet dak ta' tlett (3) xhur prigunerija, kif tajjeb issottometta l-appellant fl-appell tieghu.
Ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi milqugh ghar-ragunijiet hawn ikkunsidrati.

Ikkunsidrat;
It-tielet aggravju jirrigwarda l-impossibilita' ta' hlas. Dan l-aggravju jirrigwarda l-fatt li l-piena kienet ukoll eccessiva stante li l-Ewwel Qorti skartat ghal kollox ix-xhieda tal-appellant minn fejn irrizulta kjarament li huwa ma hallas b'semplici kapricc, izda ghaliex sab ruhu fl-impossibilita' li jhallas minhabba li tkecca ngustament mix-xoghol u ghamel perjodu twil dizokkupat. Irrizuta skont l-appellant li l-arretrati dovuti lil-parte civile jammontaw ghal eluf ta' ewro li l-appellant ma jiflahx ihallas. Jissottometti li dan mhux ikkontestat mill-parte civile u l-partie civile xehdet li hija taf li l-appellant kien verament mkecci u li t-Tribunal Industrijali ordna r-*reinstatement*. Ghalhekk jissottometti li l-Ewwel Qorti ma kellhiex se mai timponi piena karcerarja.

Fl-ewwel lok, din il-Qorti tikkjarifika li l-parte civile ghalkemm xehdet quddiem l-Ewwel Qorti, liema xhieda ma kinitx traskritta, hija ma xehditx quddiem din il-Qorti izda giet ipprezentata nota u replika da parti taghha rigwardanti l-ammonti dovuti filwaqt li fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-parte civile Sharon Spiteri ddikjarat li l-bilanc dovut lilha in konnessjoni mal-kawza odjerna huwa fl-ammont ta' tlett'elef, hames mija u hamsa u ghoxrin ewro (€3,525) kif indikat minnha fin-nota esebita fl-atti fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019).

Fir-rikors ma huwiex ikkontestat li l-appellant ma hallas manteniment ghal perjodu mertu tal-akkuzi, biss pero' jidher li fil-mori ta' dan l-appell saru xi hlasijiet izda ma

hemm qbil dwar l-ammont ta' hlas. Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal kuntratt ta' separazzjoni prezentat fl-atti a fol 23 et sequitur. Klawsola 5 ii) tiprovdi li '*Il-partijiet jiddikjaraw illi peress illi huma jinsabu it-tnejn f'impieg, l-manteniment tal-ulied ghandu jinqasam ugwalment bejniethom. Il-partijiet jaqblu u jiftehmu wkoll illi bhala sehmu mill-obbligu illi imantni lil uliedu minuri u ghas-saldu ta' kull pretensjoni versu l-istess obbligu ta' manteniment u spejjez ohra relatati mas-sahha u edukazzjoni tal-minuri, r-ragel qieghed prezenzjalment jassenja sehmu mid-dar konjugali u cioe l-appartament numru tmienja (8) bl-isem Blackman Court fi Triq Mimosa G'Mangia, lill-martu biex b'hekk dan l-fond issa ser jigi jappartjeni interament lill-mara bl-intiza illi hija tassumi l-kumplament tal-obbligu tal-istess manteniment lejn l-ulied minuri. Il-partijiet per konsegwenza jaqblu wkoll illi l-mara ghnadha tassumi fuqha l-obbligu illi thallas ghal kull spiza ohra relatata ma l-iskola, l-edukazzjoni u is-sahha tal-ulied minuri. Il-partijiet jaqblu u jifthemu illi r-ragel ser ikompli ihallas s-self (home loan) fuq id-dar fl-ammont ta' cirka sitta u erbghin Elf Ewro (€46,000) u jaqblu illi f'kaz illi huwa ikun moruz f''iktar minn tlett pagamenti konsekuttivi huwa jerga jibda ikun responsabbli ghal hlas ta' manteniment lejn l-ulied fis-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) fix-xahar divisi ugwalment fuq t-tlett titfal minuri.*'

Din il-Qorti tikkunsidra li ma ngabitx prova li l-akkuzat kien moruz fil-pagamenti tal-*home loan* u li ghalhekk kien obbligat li jhallas l-erba' mitt ewro (€400) fix-xahar. Biss pero' lanqas ma jirrizulta li huwa kkontestat mill-appellant li huwa kellu jhallas erba' mitt ewro (€400) fix-xahar bhala manteniment ghat-tlett (3) ulied. Il-kontestazzjoni maghmulha mill-appellant hija li wara li fil-mori ta' dawn il-proceduri u cioe' fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) giet iffirmata skrittura privata bejn il-partijiet u cioe bejn Sharon Spiteri u l-akkuzat Stephen Spiteri dwar l-ammont ta' sebat' elef u mitt ewro (€7,100) rapprezentanti l-ammont ta' arretrati ta' manteniment dovuti skond kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejn il-partijiet, skont l-appellant, huwa hallas dawn l-arretrati, kemm permezz ta' standing orders mill-paga tieghu, permezz ta' bank drafts mahruga mill-partner tieghu kif ukoll bi flus kontanti. Din l-iskrittura ma tispecifikax ghal liema perjodu jirreferu dawn l-arretrati izda jirrizulta li jkopri perjodu

akbar minn dak mertu tal-akkuzi u dan stante li l-ammont mertu tal-iskrittura privata huwa ta' sebat'elef u mitt ewro (€7,100) u ghalhekk aktar mill-ammont dovut ghal perjodu mertu tal-akkuza.

L-appellant imur oltre u jissottometti ukoll kemm fix-xhieda tieghu, fin-nota ta' sottomissjonijiet u fil-kontro-replika li wahda mill-minuri bdiet tahdem *full time* mill-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) u ghalhekk ghalkemm il-perjodu soggett ghal din l-imputazzjoni huwa dak bejn Awissu tas-sena elfejn u tnax (2012) u Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) huwa jikkontendi li dak li kien thallas zejjed wara li l-minuri bdiet tahdem kellu jitnaqqas mill-arretrati. Ikkonferma li wara cetu zmien beda jhallas inqas ghax l-ewwel bdiet tahdem waqt mill-minuri imbghad minuri ohra. Minkejja li kopja tar-rikors Kostituzzjonali giet ipprezentata fl-atti, id-dokumenti annessi ma' dan ir-rikors ma gewx ipprezentati. Tant li minkejja li dan ir-rikors jaghmel referenza ghal digriet li rriduca l-manteniment ghal xi zmien, kopja ta' dan id-digriet baqa' ma giex ipprezentat fl-atti. Fl-istess rikors Kostituzzjonali hemm referenza ghal kawza bejn il-partijiet, izda ma giet ipprezentata l-ebda prova li turi li kien hemm digriet, sentenza jew kuntratt iehor li varja dak li kien miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni datat it-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009). Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni maghmulha mill-appellant fil-kontro replika tieghu u cioe' li la darba huwa accetat li l-minuri kienet impjegata allura digriet f'dak is-sens ma huwiex mehtieg biex iholl lill-appellant mill-obbligi tieghu mill-lat tal-Kapitolu 9.

L-appellant jaghmel referenza ghall-artikolu 3B(2) tal-Kodici Civili u li ghall-wild Michaela kien ragonevolment possibli li tmanti lilha nnifisha peress li kienet impjegata. Skont l-*employment history* ipprezentata rigwardanti l-wild Michela Spiteri, jirrizulta li kellha impjieg fuq bazi full time mill-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) u li ghalhekk jippretendi li dak imhallas bhala manteniment versu din il-minuri wara dik id-data kellu jinqata' mill-arretrati. Din il-Qorti ma taqbilx ghal numru ta' ragunijiet u

dan fosthom ghal fatt li mhux biss ma jirrizultax li din il-minuri kienet qieghda f'impjieg *full time* ghal perjodu mertu tal-imputazzjoni izda in oltre' l-appellant ma jistax jippretendi li jekk fi kliemu hallas xi ammont 'zejjed' dan ghandu awtomatikament fuq decizjoni unilaterali tieghu jitnaqqas mill-arretrati. Il-kwistjoni dwar jekk ghandux jitwaqqaf jew jitnaqqas l-ammont ta' manteniment hija kwistjoni li ghandha tigi deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). L-appellant fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti jghid li jikkonferma li ma kienx hemm kontestazzjoni mill-parte civile tant li jghid li '*meta bgħattilha li t-tifla qed taħdem u naf li qed taħdem għax għandi l-karti tal-Job Plus, qaltli orrajt, qaltli mela minn dan ix-xahar ta' Michaela tagħtihomlix u jien għedtilha mhux minn dan ix-xahra ma nagħtihomlokx, ara kemm ilni nagħtihomlok żejda. Naqqashomli minn dawk li qed inħallas, ma rridtx flus lura jew tagħtini l-flus imma għalinqas tnaqqasshomli forsi jien xi darba nieħu r-ruħ.*' Nonostante li wild jew ulied bdew jahdmu, ma jirrizultax li il-manteniment miftiehem permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni gie varjat permezz ta' digriet, sentenza jew kuntratt iehor.

Din il-Qorti zzid ukoll li hawnhekk non si tratta ta' klawsola dwar manteniment li tkun ibbazata fuq kondizzjoni rizoluttiva bhal meta il-minuri taghlaq l-eta' ta' tmintax (18)-il sena. Fil-kaz ta' kuntratti bhal dawn li saru qabel l-emendi lil Kodici Civili tas-sena elfejn u hdax (2011) u cioe' qabel l-Att XIV tal-2011 izda fejn il-klawsola ta' manteniment tkun dipendenti minn kundizzjoni rizoluttiva bhal fejn il-minuri tkun ghalqet tmintax-il sena, is-sitwazzjoni tkun differenti. Filfatt kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Jesmond Scerri**'[4]:

'*15. Il-fatti speci taz-zewg kawzi ghalhekk huma ben diversi minn xulxin u f'dik citata mill-kwerelanta gara proprju dak li l-legislatur ried li jkun evitat bl-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 jigifieri li l-parti tiehu l-ligi f'idejha u tiddeciedi hi jekk cirkostanza tikwalifikax ghall- waqfien jew sospensjoni tal-obbligu tal-manentiment. Il-Qrati taghna dejjem irritenew illi meta jkun*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Ottubru, 2017 (Appell Numru: 340/201

*hemm kambjament fic-cirkostanzi fejn persuna jidhrilha li m' ghandhiex tibqa' thallas manteniment jew li jkun ridott, ghandha dejjem tirrikorri ghall-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex din tvarja jew timmodifika dak l-obbligu gia minnha impost. Fin- nuqqas li wiehed jirrikorri ghal hekk u fin-nuqqas ta' ordni gdida, ma jhalli ebda xelta lil-Qorti ta' kompetenza kriminali li tqis, kif dejjem hekk sar, li huwa dak il-kuntratt jew ordni tal-Qorti Civili originali li jirregola l-obbligu tal-manteniment;*

*16. Is-sitwazzjoni appena ipotizzata hija differenti ukoll minn dik fejn il-kuntratt jew ordni tal-Qorti hija dipendenti minn kundizzjoni rizoluttiva bhala dik in dizamina, jigifieri fuq jum li fih il-minorenni jghaddi ghall-eta' maggorenni. L-ordni ta' hlas ta' manteniment fi kwistjoni ta' separazzjoni jew pendente lite qabel l-Att XIV tal-2011 kienu validi sakemm il-wild isir tal-eta'. Raggunt dan il-punt determinat u indiskutibbli, dik l-ordni ma tibqax aktar torbot lill- genitur li dejjem, izda, jkun soggett ghall-ordni gdida wara proceduri ad hoc bhal kull dixxendent iehor bil-protezzjonijiet kollha moghtija lilu mill-Kodici Civili;*

*17. Il-kuntratt li jobbliga lill-appellant ihallas il-manteniment fil- kaz odjern ma jistghax ikun soggett ghall-interpretazzjoni liberali kif targumenta l-kwerelanta. Inoltre, l-Att XIV tal-2011 ma jipprovdix ghal-dawk is-sentenzi jew digrieti tal-Qorti jew kuntratti ta' separazzjoni moghtija jew maghmula qabel l-emenda u il-kwerelanta naqset milli tadixxi lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tordna lill-appellant ihallas ghall-manteniment ta' bintu la darba hija studenta full-time wara li ghalqet tmintax-il sena. Azzjoni din li setghet issir mill-kwerelanta minkejja li l-bint hija maggorenni (ara s- sentenza fl-ismijiet AB vs CD 232/13 AL tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tas-17 ta' Marzu, 2016);*

*18. Ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx legalment issib lill- appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u l-ewwel talba tal-appell tieghu ghandha tkun akkolta;*'

Ikkunsidrat;

Illi l-fatt li l-appellant ghamel zmien dizokkupat ma jfissirx li setgha jwaqqaf il-hlas ta' manteniment. Huwa kellu jirrikorri ghal Qrati Civili kemm jista' jkun malajr sabiex jigi mholli mill-obbligu tal-manteniment jew li dan l-obbligu jigi varjat.

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs John Debono'</u>**[5]:

*'Illi l-ewwel ilment minnu imressaq dwar l-impossibilita illi ihallas il- manteniment dovut minhabba l-istat ta' sahha tieghu u ukoll minhabba il-fatt illi huwa dizokkupat jifforma il-mertu tal-gudizzju milhuq fis-sede civili li ghalkemm bhala azzjoni hija wahda indipendenti minn dik penali madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora l-kontenut taghha stante illi dak kien il-forum idonju fejn setghet tigi ivventilata dina l-lanjanza, u wara li giet hekk ivventilata, dik il-Qorti kif kolleggjalment komposta cahhdet tali argument.*

*Fil-fatt id-dottrina hija kostanti in subjecta materia meta jinghad:*

*"... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat anke f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontavenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti biex din wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l- ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet." (Il-Pulizija versus Anthony Saliba deciza fil-15 ta' Lulju 1998; ara ukoll Pulizija versus Alfred Camilleri, 18 ta' Settembru 2002, u Il-Pulizija versus Lawrence Mifsud, 15 ta' Ottubru 2009).*

*Issa f'dan il-kaz ma saret l-ebda modifika ghal dak pattwit bejn il-ko-litigandi fil- kuntratt ta' separazzjoni u kwindi l-appellanti huwa marbut illi jirrispettah bil- konsegwenza illi fin-nuqqas huwa irid jiffaccja id-dettami tal-ligi penali. Ghal dawn il-motivi ghalhekk dan l-aggravvju qed jigi rigettat.'*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Mejju, 2016 (Appell Numru: 283/2015)

Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Carmelo Cauchi'**[6] gie kkunsidrat:

*'L-appellant jghid illi hemm proceduri pendenti ghas- sospensjoni u varjazzjoni tal-manteniment. Izda, bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija v. Alfred Camilleri*** *deciz fit-18 ta' Settembru 2002:*

***"... sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas- Sekond'Awla jew digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija fejn 1-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma' tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti din il-Qorti, minflok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruhha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' digrieti jew sentenzi tal-Prim'Awla u tal-Qorti tal-Appell u digrieti tas-Sekond'Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il- kompetenza taghha."***

*Sallum ma jidhirx li l-pozizzjoni nbidlet. Fil-fatt fis-seduta tallum id-difensur ta' l-appellant esebixxa kopja ta' rikors iehor li huwa ntavola quddiem il-Qorti tal-Familja sabiex dik il-Qorti tawtorizzah jissospendi l-hlas tal-manteniment jew tiffissa dak l-ammont li jirrifletti d-dhul tieghu. Ghalhekk il-manteniment kif originarjament iddekretat ghadu dovut.*

*Anke dwar il-fattur tax-xoghol il-gurisprudenza in materja hija llum wahda ormai stabbilita u maghrufa. Hekk fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija v. Anthony Saliba*** *deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Lulju 1998, gie ritenut li jekk persuna ma tkunx tista' thallas il- manteniment ordnat meta din tisfa dizokkupata, ir-rimedju hu li dik il-persuna tadixxi "tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il- manteniment". Hu biss wara li dik il-persuna tottjeni tali modifika li tkun tista' thallas inqas, jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' 1-obbligu tal-hlas skond l-ewwel digriet.'*

Ikkunsidrat;

---

[6] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Gunju, 2010 (Appell Kriminali Numru: 59/2010)

L-appellant jissottometti ukoll fil-kontro-replika tieghu li stante li fil-mori ta' dan l-appell saret l-iskrittura privata ta' kif kellu jithallas, allura l-kontendenti irriducew din il-pendenza ghal wahda ta' natura civili. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Gialadarba l-manteniment ghal perjodu mertu tal-imputazzjoni kien ghadu dovut meta gew istituwiti l-proceduri, il-fatt li giet iffirmata skrittura privata fil-mori tal-appell ma jbiddel xejn minn natura kriminali tal-fatt li l-imputat ma kienx hallas il-manteniemnt. Ghalhekk l-Ewwel Qorti korrettament sabet htija fl-appellant u cioe' li ma kienx hallas il-manteniment ghal perjodu mertu tal-akkuza.

Kif gia kkunsidrat jirrizulta li fil-frattemp sar xi hlas mill-appellant. L-appellant prezenta verbal datat il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) u ghalhekk qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri fejn hemm verbalizzat li '*L-imputat informa lil Qorti illi huwa hallas lil mara tieghu is-somma ta' 3300 Euro.*' Prezenta ukoll sentenza datata s-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Kylie Borg) vs Stephen Spiteri** (ID 75186(M))' deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali[7] fejn fil-kunsiderazzjonijiet dwar piena hemm imnizzel li '*Tqis ukoll id-dikjarazzjoni ta' Sharon Spiteri fis-seduta tat-3 ta' April 2017 u dan fis-sens illi ma kienx hemm inċidenti oħrajn wara l-każ mertu ta' dawn il-proċeduri, illi l-kawżi kollha li kien hemm pendenti bejniethom ġew riċolti u li llum il-partijiet igawdu minn relazzjoni ċivili. Madankollu, billi għad hemm ix diverġenzi bejnha u bejn l-imputat in kwantu l-aċċess tiegħu għal binthom minuri, hija ddikjarat ukoll illi jkun għaqli illi l-Qorti tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni favur tagħha u l-minuri...*' Din il-Qorti izda ma tistax tqis dawn bhala prova li l-manteniment ghal perjodu mertu ta' dawn il-proceduri kien gie mhallas.

Fl-affidavit ta' P.S.1314 Raymond Ambrogio huwa jindika li l-ilment kien li l-imputat '*naqqas jgħaddi l-manteniment għax-xhur ta' Jannar; Frar; Marzu w April 2013.*' Mic-

[7] Kump numru: 172/12

citazzjoni izda jirrizulta li l-perjodu mertu tal-imputazzjoni huwa dak ta' Awissu tas-sena elfejn u tnax (2012) sa Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013). Kif gia inghad, jirrizulta li ghad hemm kontestazzjoni dwar jekk l-ammont mertu ta' dawn l-akkuzi giex saldat. Sharon Spiteri tiddikjara li baqa tlett'elef, hames mija u hamsa u ghoxrin ewro (€3,525)[8] x'jithallas ghal perjodu mertu ta' dawn il-proceduri, filwaqt li l-appellant fin-nota ta' sottomissjonijeit tieghu jghid li hemm total favur il-parte civile ta' sitt mija, tmenin ewro u sebgha u sebghin centezmu (€680.77) u dan apparti pagamenti ohra li jghid li ghamel pero li ma ghandux *records* taghhom. Mhuwiex car jekk dan l-ammont bilancjali jirrigwarda x-xhur mertu ta' dawn il-proceduri jew jirrigwardax xhur ohra. L-appellant izda fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti jixhed li hallas l-ammont kollu dovut. Kien l-appellant li kellu jipprova fuq bazi ta' probabilita' li huwa hallas dak kollu li kien dovut ghax-xhur mertu ta' dawn il-proceduri. Din il-Qorti ma hijiex f'pozzizzjoni tikkonkludi x'ammont ghadu pendenti u ghalhekk il-partijiet ghandhom jirrikorru ghal Qrati Civili u Tribunali sabiex jigi determinat x'hemm dovut ghal perjodu mertu tal-kawza odjerna. In oltre, l-appellant f'kaz ta' bdil f'xi cirkostanzi ghandu jirrikorri ghal Qrati sabiex jigi varjat l-ammont ta' manteniment.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti abbazi ta' dak ikkunsidrat dwar it-tieni aggravju, sejra *ai fini* ta' piena tnaqqas il-perjodu ta' prigunerija impost mill-Ewwel Qorti minn sitt (6) xhur ghal tlett (3) xhur. Din il-Qorti tenut kont tac-cirkostanzi sejra bis-sahha tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tissospendi dan il-perjodu ta' prigunerija ghal perjodu ta' erba' (4) snin. In oltre' din il-Qorti b'zieda ma dan sejra *ai termini* tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-appellant ihallas lil Sharon Spiteri is-somma ta' hames mitt ewro (€500) fi zmien sitt (6) xhur mil-lum bhala kumpens ghad-danni

[8] Din il-Qorti tinnota li ghalkemm skont ma jirrizulta mill-istatement of account esebit minn Sharon Spiteri man-nota prezentata fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elejn u dsatax (2019) , fis-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) sar direct payment ta' €550 li jfisser li €400 marru bhala manteniment ghal dak ix-xahar u l-kumplament tal-ammont jigifieri €150 ewro marru versu l-arretrati, jirrizulta li Sharon Spiteri erronjament qieset li thallsu €125 ewro versu l-arretrati u mhux €150 ewro.

sofferti minn Sharon Spiteri rizultat tal-inadempjenza tal-kuntratt ta' separazzjoni mertu ta' dawn il-proceduri. Din il-Qorti taghmilha cara li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li l-bilanc dovut bhala manteniment ghax-xhur mertu tal-akkuza huwa dak ta' hames mitt ewro (€500), liema bilanc ghandu jigi stabbilit mill-Qrati Civili jew Tribunali. Din il-Qorti taghmilha cara ukoll li dan ser ikun l-ahhar cans ghall-appellant sabiex jirregola ruhha, u li f'kaz li jerga jinstab hati, mhux ser ikun hemm ghazla ghajr li jigi kkundannat prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel talba tal-appellant ghat-thassir, revoka u kancellament tad-digriet tat-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn l-Ewwel Qorti cahdet it-talba ghas-soprassejssjoni u tas-sentenza fl-ismijiet premessi u ghalhekk qieghda tichad it-talba ghas-soprassessjoni. Din il-Qorti qieghda fir-rigward tat-tieni talba kontenuta fir-rikors tal-appell u cioe' dik enumerata 'ii' , tilqa' limitatament l-appell u filwaqt li tikkonferma l-htija, tirrevoka fejn il-Qorti ordnat sitt (6) xhur prigunerija u minflokk tordna tlett (3) xhur prigunerija li permezz tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 dan il-perjodu qieghed jigi sospiz ghal erba' (4) snin. In oltre', din il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H tordna li l-appellant ihallas lil Sharon Spiteri is-somma ta' hames mitt ewro (€500) fi zmien sitt (6) xhur mil-lum bhala kumpens ghad-danni sofferti.

Il-Qorti wissiet lill-appellant bil-konsegwenzi f'kaz li jaghmel reat iehor matul il-perjodu operativ ta' din is-sentenza.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur